MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 926/2009/1

**Harry Cutajar (ID 709145 M)**

**vs**

**Eugenio Bartolo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-5 ta’ Lulju 2010 t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta’ Novembru 2009, fejn talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ €770 (sebgha mija u sebghin ewro) rapprezentanti sehem l-attur ta’ hdax il-xahar kera fuq il-fond Papa Mario, Sliema Road, Gzira ghal perjodu bejn Jannar 2009 sa Novembru 2009 liema*

*kera giet migbura mill-konvenut u qabel mill-mejjet James Grech li l-konvenut huwa l-eredi universali tieghu u dana bhala sub inkwilin tal-imsemmi fond.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2009 u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenut datata 18 ta' Dicembru 2009 fejn ikkontesta t-talba attrici ghal diversi ragunijiet pero` b'mod partikolari tressqet eccezzjoni ta' natura preliminari fis-sens li giet sollevata l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione materiae stante li l-meritu ma hux limitat biss ghal money claim izda l-meritu jinkorpora go fih diversi aspetti ohra ta' natura legali d-decizjoni dwar liema jmorru oltre l-kompetenza ta dan it-Tribunal.*

*Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti in konnessjoni mal-imsemmija eccezzjoni preliminari dwar il-kompetenza.*

*Sema' t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.*

*Ikkunsidra.*

*Illi skont l-artikolu 3 (2) Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta dan it-Tribunal huwa kompetenti li jisma' u jaqta' kawzi fejn it-talbiet jikkoncernaw kwistjonijiet ta' flus li ma jeccedux certu ammont.*

*Illi ghalhekk wiehed irid jara jekk it-talbiet tal-attur jaqghux o meno f'dawn il-parametri u jew jekk jehtieg o meno li jigu decizi punti ohra ta' ligi fuqhiex dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza li jismaghhom u jiddeciedi dwarhom.*

*L-attur xehed li huwa u l-mejjet Jimmy Grech kienu jiggestixxu flimkien il-fond kummercjali bl-isem ta' Papa Mario fil-Gzira. Kienu krew dan il-fond minghand hu Jimmy Grech u in segwitu huma issullokaw l-istess fond lil Roger Calleja versu l-kera ta' Lm6 kuljum. Dawn il-flus kienu jinqasmu billi jaghtu nofsha cioe` Lm3 lis-sid*

*Manwel Grech, Lm2 kien izommhom Jimmy Grech u l-attur kien jiehu l-Lm1 l-ohra. Illi l-attur ighid li s-somma ta' cirka €70 fix-xahar ma baqax jircevihom bejn wiehed u iehor minn meta miet Jimmy Grech. Illi peress li l-konvenut huwa l-persuna li wiret lil Jimmy Grech ghalhekk intavola din il-kawza kontra tieghu sabiex jircievi minghand l-imsemmi sehem ta' kera fuq il-post indikat. Huwa jispjega wkoll li kien ilu zmien twil jahdem bi shab ma Jimmy Grech u difatti anke kien hemm skrittura bejniethom li tipprova dan li qed jafferma. In kontro-ezami pero` jammetti li fuq l-iskrittura bejnhu u Jimmy Grech ma kinetx iffirmata wkoll mis-sid Manwel Grech anzi jghid ukoll li mas-sid Manwel Grech qatt ma ghamel skritturi.*

*Il-konvenut ikkonferma li huwa wiret sehem huh mill-kirja tal-fond in kwistjoni pero` jispjega li s-Lm6 kera li jircievi ma jzomm xejn ghalih peress li jghaddihom kollha lis-sid Manwel Grech. Meta riprodott, il-konvenut jerga' jammetti li huwa qatt ma ghadda l-flus tal-kera jew parti minnhom lill-attur nonostante dak li hemm miktub fit-testment ta' Jimmy peress li kien qed ighaddi l-flus kollha tal-kera direttament lis-sid u ma jzomm xejn ghalih. Wara l-mewt ta' Jimmy il-konvenut ighid li flimkien mas-sid Manwel Grech kienu marru jkellmu lil Roger Calleja u tawh struzzjonijiet biex il-kera tibda tintbghat/tingabar lil/minn listess sid jew mill-konvenut.*

*Attilja Attard, il-werrieta ta' Jimmy Grech tafferma li kienet taf li f'xi zmien qabel Manwel Grech kien kera l-fond in kwistjon lil huh Jimmy u lill-attur. Tghid ukoll li ghamlet zmien tigbor il-flus tal-kera minghand Roger Calleja u kienet tghaddihom lil Jimmy Grech. Dan kien jaghti parti minnhom lil huh is-sid, parti jzommhom hu u parti minnhom madwar Lm30 fix-xahar gieli (madwar ghaxar darbiet) tahomlha lura biex taghtihom lill-attur. In kontroezami tghid li s-sid Manwel Grech qatt ma semmielha xejn dwar kienx jaf jew le b'xi ftehim li kien hemm bejn Jimmy u l-attur.*

*Jigi notat illi ghalkemm l-iskrittura ta' ratifika esebita a fol 15 tal-process bhala Dok "MC 1" titkellem precizament dwar il-posizzjoni li qed jiehu l-attur f'din il-kawza, tali*

*skrittura pero` ma tistax tigi meqjusa bhala legalment valida peress illi wiehed mill-komparenti ma jidhirx li ffirmha u ghalhekk ir-ratifika hemm kontemplata ma tistax tigi accettata li sehhet fid-dritt. Tenut kont ta' dan in-nuqqas, jinghad ukoll li r-raba artikolu redatt fit-testment ta' Jimmy Grech lanqas ma jista jservi biex jissana l-posizzjoni monka tal-attur. Sabiex l-attur jipprova l-posizzjoni legali tieghu fir-rigward tal-kirja u sullokazzjoni kien jispetta lilu li jressaq iddokumenti relattivi necessarji u cioe` l-kirja li saret bejnhu u bejn Jimmy Grech mas-sid Manwel Grech u kif ukoll l-iskrittura ta' sullokazzjoni li saret bejnu u Jimmy Grech min-naha u Roger Calleja min-naha l-ohra.*

*Illi per via di eccezzjoni, l-konvenut qieghed appuntu jikkontesta tali pretenzjoni ta' dritt lokatizzju (sew bhala ko-nkwilin u sew bhala sullokatur) li qed ivanta l-attur bhala l-bazi tal-azzjoni odjerna tieghu. Illi ghalhekk qabel ma wiehed jista' jiddeciedi fuq jekk l-attur huwiex intitolat li jircievi parti minn tali kirja bhala sullokatur, ta' bilfors trid tigi ezaminata l-kwistjoni dwar jekk l-attur huwiex fil-fatt ko-inkwilin u inoltre sullokatur rigward il-fond in kwistjoni – cioe` materja li certament ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.*

*It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari sollevata mill-konvenut dwar l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione materiae u konsegwentement jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-attur.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Harry Cutajar datat 23 ta' Lulju 2010 fejn talab lill-Qorti tal-Appell, tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tal-5 ta' Lulju 2010 fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-sens illi tiddikjara illi l-azzjoni odjerna hija *money claim*, u konsegwentement tirrimetti l-atti ghall-provi in mertu fil-kawza odjerna quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-appellat Eugenio Bartolo detentur tal-akrta tal-identita` numru 596661 M datata 3 ta’ Settembru 2010 a fol. 8 tal-process fejn l-appellat talab lill-Qorti tal-Appell tikkonferma l-Appell, is-sentenza preliminari moghtija in prim` istanza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-15 ta’ Lulju 2010 fl-ismijiet ta’ Harry Cutajar vs Eugenio Bartolo. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur qua appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Frar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta’ Frar 2011 quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Johann Debono ghall-appellat prezenti u Dr. Edward Debono ghall-appellant prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellant qed isostni l-pretensjoni tieghu tikkonsisti f’*money claim* skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380** u dan ghaliex huwa qed jitlob biss li jithallas is-somma ta’ €777 rappresentanti s-sehem tal-attur mill-kera tal-fond Papa Mario, Sliema Road, Gzira, li huwa u certu James Grech kienu issullokaw lil Roger Calleja, liema fond kien mikri lilhom minn Manwel Grech u la darba James Grech miet u halla bhala legatarju tal-istess fond lill- konvenut skond testment datat 11 ta’ Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Attard (Dok. “ED 1”), fejn fl-istess disposizzjoni testementarja relattiva gie rikonnoxxut is-sehem tal-istess kera lill-attur (fol. 18), mela allura tali talba tieghu hija, kontrarjament ghal dak li ddecieda t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal), fil-kompetenza tieghu u allura qed jigi mitlub jigi ddikjarat li tali talba attrici hija fil-fatt fil-kompetenza tal-istess Tribunal.

Illi jinghad li fis-sentenza tieghu t-Tribunal sostna li la darba fl-ewwel eccezzjoni tieghu il-komvenut qed jeccepixxi li t-talba tesorbita mill-kompetenza tieghu u dan ghaliex l-istess talba *“thaddan fiha ragunijiet jew ahjar konsiderazzjonijiet legali li johorgu l-barra mir-radikar tal-kompetenza tieghu kif gustament ser jigi ppruvat u jirrizulta matul dawn il-proceduri” ,* dan ifisser li *“ ghalhekk qabel ma wiehed jista’ jiddeciedi fuq jekk l-attur huwiex intitolat li jircievi parti minn tali kirja bhala sullokatur, ta’ bilfors trid tigi ezaminata l-kwistjoni dwar jekk l-attur huwiex fil-fatt ko-inkwilin u inoltre sullokatur rigward il-fond in kwistjoni – cioe` materja li certament ma taqax taht il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal”.*

Illi din il-Qorti thoss li tali decizjoni ma hijiex interpretazzjoni korretta tal-ligi u dan stante li t-talba attrici certament li tammonta ghal talba ghall-hlas ta’ flus fil-parametri tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380** u lanqas mhu il-kaz, li bl-eccezzjonijiet sollevati hemm xi *“kwistjoni li taqa’ barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal”* skon id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 7 (2) tal-istess Kap. 380** u certament li ma hemmx pendenti quddiem Qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jolqot it-talba li ghandu t-Tribunal quddiemu.

Illi jidher li fil-fatt jirrizulta li l-fattispecie tal-kaz huma elenkati proprio fid-decizjoni tat-Tribunal fis-sens li l-fond kien mikri minn Manuel Grech lil Jimmy Grech u lill-attur u li dawn minn naha taghhom krew l-istess fond lil Roger Calleja. Illi l-kera in sullokazzjoni ta’ Roger Calleja kienet tigi parcepita minn Jimmy Grech, li kien ihallas lill-attur l-ammont ta’ Lm1 kuljum li huwa s-sehem tieghu mill-istess kirja, jzomm il-parti tieghu, u jhallas il-kera dovuta mill-attur u minnu fuq l-istess fond lis-sid Manuel Grech. Illi dan baqa’ jsir sal-mewt ta’ Jimmy Grech, izda ma sar l-ebda hlas wara l-mewt tieghu, minkejja l-fatt li kull dritt personali fuq l-istess fond kien thalla bhala legat lill-konvenut, u fid-disposizzjoni testamentarja relattiva hemm espressament rikonoxxut li *“mill-kera dovuta lilu nofs hija dovuta lill Harry Calleja”* (fol. 18), u fil-fatt din il-posizzjoni tal-attur bhala sullokatur tal-fond imsemmija kienet giet

rikonoxxuta minn Roger Calleja permezz ta’ skrittura privata (Dok. “HC 1”).

Illi minn dan kollu jirrizulta li tali dritt tal-attur jirrizulta kkonfermat mill-atti kollha fuq indikati, s-sinifikat ta’ liema hija wahda cara u allura ma hemm xejn x’jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Jidher li t-Tribunal laqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut peress li sostna li l-iskrittura ta’ ratifika a fol. 15 tal-process ma hijiex valida ghaliex ma hijiex iffirmata mill-attur, izda dan ma huwa minnu xejn, ghaliex tali skrittura kienet intenzjonata biss sabiex tirrikonoxxi lill-attur bhala sullokatur tal-fond imsemmi mill-persuna li attwalment tissulloka l-fond minghandu u f’dak iz-zmien minghad James Grech, u fil-fatt il-kontenut tal-istess skrittura gie attwat maz-zmien bejn l-istess komparenti u lanqas biss qatt giet kontestata minn hadd, lanqas fil-verita’ mill-konvenut.

Illi di piu` kull kumment iehor fl-istess decizjoni fuq l-istess skrittura huwa legalment zbaljat ghaliex tali dritt tal-attur johrog mill-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li tali fond kien mikri minn Manwel Grech lil James Grech u Harry Cutajar, u fil-legat imholli mill-konvenut hemm testwalment indikat fit-testment ta’ James Grech, li nofs il-kera tal-fond, tispetta lill-attur. Dwar is-sullokazzjoni favur l-attur u James Grech hemm il-premessa numru (1) fl-iskrittura a fol. 15 tal-process li tirreferi ghall-kera li huma kienu akkwistaw bejniethom minghand James Grech.  Li parti mill-kera tal-fond sullokat lil Roger Calleja kienet tithallas lill-attur huwa wkoll konfermat minn Attilja Attard, li hija l-eredi tal-imsemmi James Grech, u fil-fatt ma hemm l-ebda spjegazzjoni da parte tal-konvenut ghaliex, wara l-mewt ta’ Jimmy Grech, huwa bhala legatarju, u minkejja t-termini tal-legat, huwa ma hallasx is-sehem mill-istess kera spettanti lill-attur.

Illi fir-risposta tieghu ghall-appell jidher li l-appellat qed jiehu l-posizzjoni billi jghid qed jigi kontestat id-dritt ta’ kera tal-attur fuq l-istess fond, peress li skond huwa dan id-dritt qatt ma kien rikonoxxut mis-sid Emanuel Grech, u llum id-dritt ta’ kera li kellu James Grech, li allura kellu jghaddi fuqu bil-legat imsemmi, ma ghadux japplika ghax

qed jghid li tali dritt ta’ kera ma huwiex protett bil-ligi tal-Kera u allura huwa qed jghid li kien jigbor il-kera wara l-mewt ta’ James Grech biss bhala mandatarju ta’ Emanuel Grech. Dan fih innifsu qed jattakka d-dritt ta’ subinkwilinat tal-attur u wkoll jidher li l-istess konvenut qed irendi tali legat favurih bla ebda valur, haga li hija nsostenibbli u fi kwalunkwe kaz ma tistax tippregudika lill-attur.

Illi fil-verita’ ghal dik li hija l-kompetenza tat-Tribunal din hija radikata bit-talba attrici skond id-disposizzjonijiet tal-Ligi fuq citati u cjoe’ **artikolu 3 (2) tal-Kap. 380,** u ma hemm xejn fl-eccezzjonijiet tal-konvenut li jesorbitaw mill-kompetenza tal-istess Tribunal skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 7 tal-Kap. 380.** Fil-verita’ jinghad li fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-istess konvenut ma kienx car ghaliex kien qed jghid li t-Tribunal kien inkompetenti, tant li sostna li kien ser jindika dan fil-mori tal-kawza, u dan fih innifsu jrendi l-istess eccezzjoni inamissibbli; dwar id-decizjoni fuq dan il-punt mit-Tribunal, din il-Qorti ma taqbilx mal-istess ghaliex it-talba attrici kienet tinvolvi biss konstatazzjoni tal-allegazzjonijiet attrici fuq somma ta’ flus mitluba, u lanqas fl-eccezzjonijiet ma kien espress xi dubju dwar d-dritt ta’ inkwilinat li kellu l-attur, u dan iktar u iktar meta l-istess dritt gie rikonoxxut espressament fit-testment li minnu bbenefika l-konvenut bhala legatarju ta’ dak spettanti mill-istess fond mill-avendi causa tal-istess konvenut, legat li bl-ebda mod ma jidher li ma giex accettat mill-konvenut.

Illi fil-fatt il-konvenut fix-xhieda tieghu datata 6 ta’ Mejju 2010 jammetti li jaf li l-attur kien shab ma` Jimmy Grech fl-imsemmi hanut u wkoll li huwa kien wiret il-kera tal-fond bit-testment ta’ Jimmy Grech, u allura b’dan b’disposizzjoni li b’mod esplicitu tghid li nofs il-kera tal-istess fond kienet tappartjeni lill-attur, u allura dan iwassal sabiex din il-Qorti tiddikjara li t-Tribunal kellu fil-fatt kompetenza li jisma’ u jiddeciedi tali kaz ghaliex it-talba tieghu kienet dik ghal somma ta’ flus. Ghalhekk l-appell odjern qed jigi milqugh u d-decizjoni tat-Tribunal qed tigi revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi minhabba d-disposizzjonijiet partikolari tal-**artikolu 8 (4) tal-Kap. 380** ma huwiex il-kaz li l-process jigi rimess lit-Tribunal, izda li din il-Qorti tiddeciedi fuq it-talbiet attrici. Ghalhekk din il-Qorti ser tidhol ukoll fil-mertu, u dwar l-istess jinghad, kif pronunzjat iktar-il fuq l-istess decizjoni, li jirrizulta mill-atti processwali li l-attur ghandu l-inkwilinat tal-fond *de quo*, u li tali fond kien gie sullokat minnu u minn Jimmy Grech lil Roger Calleja, u la darba Jimmy Grech miet, tali dritt tieghu ghadda fuq il-konvenut in vista tal-legat imsemmi fit-testament tad-*decujus* datat 11 ta' Gunju 2010 (Dok. "ED 1"), liema legat jirrikonoxxi d-dritt tal-attur li jirecievi nofs il-kera tal-istess post (fol. 18), liema dritt huwa wkoll rikonoxxut minn Roger Calleja, il-persuna li attwalment tiddetjeni l-istess post b'titolu ta' sullokazzjoni, u allura la darba gie ppruvat li l-hlas tal-istess kera sar wara l-mewt ta' James Grech minn Roger Calleja lill-konvenut, u dan ma ghaddiex lill-attur sehmu, li huwa il-mertu tal-kawza odjerna, mela allura t-talba attrici qed tigi milqugha.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jidher li l-kawza saret kontra tieghu bhala legatarju tal-istess fond li t-titolu personali fuqu thalla lilu proprju minn James Grech u allura jirrizulta l-istess konvenut huwa l-legittimu kontradittur; dwar dak indikat fir-risposta tal-appellat, jirrizulta li din hija ferm differenti minn dak ecceppit minnu fil-prim'istanza, u dan jidher li huwa dovut ghall-fatt li huwa ttenta jaddrizza l-posizzjoni tieghu sabiex din tigi taqbel mad-decizjoni tat-Tribunal fl-ewwel istanza, posizzjoni li turi l-mod kif il-konvenut ipprova jimmanuvra f'din il-kawza, manuvra li hija nkonsistenti mad-disposizzjoni testamentarja relattiva, fejn huwa inghata kull dritt personali li t-testatur kellu fuq l-istess fond, u fejn hemm espressament rikonoxxut id-dritt tal-attur li jircievi nofs il-kera tal-istess fond. Ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha fil-waqt li l-ecccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-

konvenut appellat datata 3 ta’ Settembru 2010 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell tal-appellanti attur Harry Cutajar fir-rikors tal-appell tieghu datat 10 ta’ Awwissu 2010 in kwantu l-istess huwa konformi ma’ dak hawn deciz, u b’hekk tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata 5 ta’ Lulju 2010 fl-ismijiet “Harry Cutajar vs Eugenio Bartolo” (Talba Numru 926/09/RFA)** u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u abbazi tal-**artikolu 8 (4) tal-Kap. 380** qed tiddeciedi l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta tieghu quddiem it-Tribunal datata 18 ta’ Dicembru 2009 ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa’ t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut kontenuta fl-Avviz tat-Talba tieghu datat 3 ta’ Novembru 2009,** u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ seba` mija u sebgha u sebghin ewro (€777) rapprezentanti sehem l-attur mill-kera tal-fond Papa Mario, Sliema Road, Gzira ghall-perjodu bejn Jannar 2009 u Novembru 2009 (cjoe’ hdax il-xahar kera) migbura mill-konvenut  u qabel mill-mejjet James Grech, bl-imghax legali mill-1 ta’ Novembru 2009 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat Eugenio Bartolo.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------